MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-5 ta' Lulju, 2004

Numru 619/2001

**Il-Pulizija**
**Spettur Carlo Ellul**
**V**

**MARIO AGIUS**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **MARIO AGIUS** ta' erbgha w erbghin sena bin John u Mary nee Cortis, imwieled Haz Zebbug nhar l-ghaxra ta' Ottubru 1956 u residenti Flat 1, St. Roque Flats, Triq Hughes Hallet, Sliema, detentur tal-karta tal-identita numru 0711756M, gie mressaq quddiemha akkuzat talli fl-erbgha w ghoxrin ta' April 2001 ghall-habta tal-ghaxra ta' bil-lejl fil-Hamrun:

1. Voluntarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor u cioe f'vettura tal-marka Maruti bin-numru tga' registrazzjoni JBB 106 proprjeta ta' Joseph Magri liema hsara tammonta ghal hames mija hamsa w erbghin lira maltin;

2. Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi kkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Monica Azzopardi u Anna Ciscaldi.

Il-Prosekuzzjoni talbet lil Qorti sabiex f'kaz ta' htija tapplika l-provvedimenti tal-artikolu 383(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-kunsens tal-Avukat Generali datat tmienja ta' Ottubru 2001 esibit fl-atti a fol hamsa markat bhala dokument CSH 1 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Semghet lil imputat jiddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattata u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha fuq riferita kif jirrizulta mill-esami li sarlu nhar l-hdax ta' Dicembru 2001 ai termini tal-artikolu 370(4), 390(1) u 392 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet lix-xhieda kollha prodotta mill-Prosekuzzjoni, lil imputat jixhed minn jeddu b'mod voluntarju u lix-xhieda tad-Difiza.

Semghet lil partijiet jittrattaw il-kawza fis-seduta tal-wiehed u ghoxrin ta' Gunju 2004.
Rat l-atti kollha tal-kawza w id-dokumenti esibiti.

Ikkunsidrat:

Illi nhar l-hdax ta' Dicembru 2001 **xehed l-Ispettur Carlo Ellul** kif jirrizulta a fol 18 tal-atti fejn qal li mill-investigazzjoni li ghamel rrizultalu li dakinhar tal-erbgha w ghoxrin ta' April 2001 l-imputat segwa lil Anna Ciscaldi sa fejn r-residenza tal-familjari taghha gewwa l-Hamrun w inqala xi battibekk bejniethom waqt li l-imputat kien hdejn r-residenza tal-familja Ciscaldi huma gew fl-idejn filwaqt li l-vettura tal-imputat u dik tal-familja Ciscaldi spiccaw b'xi hsarat fuqhom.

Illi nhar l-hdax ta' Dicembru 2001 **xehed PS 177 Anthony Armeni** kif jirrizulta a fol 25 tal-atti fejn qal li fl-erbgha w ghoxrin ta' April 2001 huwa kien stazzjonat l-Ghassa tal-

Pulizija tal-Hamrun u gie nfurmat li gewwa Strada Rjali l-Hamrun, vicin il-fond Radio City, kienet ghaddejja glieda. Huwa, flimkien ma PC 1112 George Buhagiar, mar fuq il-post indikat lilu. Hemmhekk sabu lil Anna Ciscaldi ma ohtha Monica Azzopardi quddiem il-fond 817, Triq il-Kbira San Gusepp, Hamrun, li bdew jallegaw li gew imsawwta minn Mario Agius, l-imputat, li kien l-ex boyfriend ta' Anna Ciscaldi. Anna Ciscaldi qalet wkoll li l-imputat ghamel hsara fuq il-vettura Maruti bin-numru ta' registrazzjoni JBE 106 proprjeta ta' Joseph Magri li kien il-boy friend l-gdid taghha. Huwa kkonferma li dak il-hin fuq il-vettura in kwistjoni Maruti bin-numru ta' registrazzjoni JBE 106 kien hemm diversi hsarat fosthom l-hgiega tat-tieqa tal-bieba miksura u xi hsarat fuq iz-zewg bibien ta' quddiem u fuq il-mudguard tax-xellug. Huwa akkumpanja lil Monica Azzopardi u Anna Ciscaldi lejn ic-Centru tas-Sahha minhabba xi feriti li kellhom fuq il-persuna taghhom. Anna Ciscaldi spjiegatlu li kienet ghadha kemm ghamlet rapport l-Ghassa tal-Pulizija tal-Imsida ghaliex l-imputat ma kienx irritornalha lil bintha fil-hin kif kien obbligat li jaghmel, pero waqt li kienet sejra lura ghand ohtha l-Hamrun, innotat li l-imputat kien qed isegwiha bil-vettura tieghu bin-numru ta' registrazzjoni IAF 126. Appena waslet, l-imputat nizel mill-vettura tieghu u qabad jattakkaha u jikkaguna hsara lil vettura li kienet riekba fiha. Qaltlu li l-imputat kien xurban. Mistoqsi jekk l-imputat kienx fuq il-post, il-Pulizija wiegeb fin-negattiv. Wara huwa baghat ghal imputat, ghamillu l-breathyliser test li ta rizultat negattiv u dan ghamlu, ghalkemm fil-fehma tieghu, l-imputat ma deherx xurban. Dak il-hin l-imputat Mario Agius qallu li huwa kien gie aggredit minn Anna Ciscaldi, Monica Azzopardi u Joachim Azzopardi, binha Maurizio u Jurgen u Lisa Schembri, l-gharusa ta' Maurizio. Qal li l-familja ta' Azzopardi daru ghalih u Liza Schembri u wiehed minnhom anke kisser t-tieqa tal-gallarija taghhom. Huwa esibixxa kopja tal-okkorrenza mehuda minnu li giet mmarkata bhala dokument CSH 9.

Illi nhar l-hdax ta' Dicembru 2001 **xehed PC 1112 George Buhagiar** kif jirrizulta a fol 35 tal-atti fejn ikkonferma dak kollu li qal PS 177 Anthony Armeni ghalkemm ikkonferma li fuq il-post ra t-tieqa tal-gallarija tas-Sinjura Ciscaldi

miksura. Ikkonferma li l-Maruti bin-numru ta' registrazzjoni JBE 106 kellha diversi hsarat u li huwa assista lil familja Ciscaldi gewwa c-Centru tas-Sahha. Qal pero li griehi fuq ras l-imputat u fuq il-persuna ta' Anna Ciscaldi kienu notevoli.

Illi nhar l-hdax ta' Dicembru 2001 **xehdet Anna Ciscaldi** kif jirrizulta a fol 38 tal-atti fejn qalet li hija kellha relazzjoni mal-imputat ghal perjodu ta' tmien snin u minn din r-relazzjoni twieled tifel. Spjiega li kienu waslu fi stadju li ma jibqghux jikkoabitaw flimkien u li hija kellha wkoll l-kura u kustodja tat-tifel minuri waqt li l-imputat kellu jkollu access ghalih. Spjiegat li dakinhar tal-incident, l-imputat kien cemplilha u beda jheddidha ghaliex kien sar jaf li Ciscaldi dahlet f'relazzjoni ma ragel iehor u ghalhekk marret taghmel rapport l-Ghassa tal-Pulizija tal-Imsida. Hija imbaghad hasset ruhha bezghana u ghalhekk marret ghand ohtha l-Hamrun. Hija w issuq bit-tifel fil-karozza, rat lil imputat isuq warajha. Appena waslet, harget ohtha, marret fuq l-imputat u qaltlu 'Halliha lil ohti bi kwietha." Hija ex admissis tghid, "*Dak il-hin lili kissirni billi beda jaghtini d-daqqiet, u tahni daqqiet f'wicci u sussegwentement beda jghati daqqiet fuq il-karozza… Sussegwentement nizlet ohti minn go t-tarag u beda jaghti lili kif wkoll lil ohti.*" Qalet li sitt karozzi barax u dik uzata minnha kienet wahda minnhom. Hija kkonfermat li l-feriti li subiet ohtha Monica Azzopardi kienu dawk murija fid-dokument CSH 8 u l-hsarat li sofriet fil-vettura bin-numru ta' registrazzjoni JBE 106 jammontaw gham hames mija hamsa w erbghin lira kif murija fid-dokuemnt CSH 6.

Illi nhar l-hdax ta' Dicembru 2001 **xehdet Monica Azzopardi** kif jirrizulta a fol 42 tal-atti fejn ikkonfermat li dakinhar tal-erbgha w ghoxrin ta' April 2001 hija qalghet diversi daqqiet minghand l-imputat meta waqqghaha mal-art u l-imputat beda jixxuttjha b'saqajh. Hija pero ikkonfermat li r-ritratt dokument CSH 8 jindika l-feriti li sofriet f'din il-glieda.

Illi nhar l-hdax ta' Frar 2002 **xehed Maurizio Azzopardi** kif jirrizulta a fol 54 tal-atti fejn ikkmonferma li nhar l-erbgha w ghoxrin ta' April 2001 huwa ra lil imputat

jsawwat lil ommu Monica u lil zijtu Anna Ciscaldi u jikkaguna hsarat fuq il-vettura tal-ghamla Maruti. Huwa pero ma harigx jaghti l-assistenza ghaliex kellu t-tfajla gewwa u bir-rabbja li kellu kisser tieqa tal-gallarija b'idu u spicca bi tmien punti f'idejh. Huwa baqa jittawwal mill-gallarija u jsegwi x'kien qed jigri. Huwa ma jghidx kif beda l-incident ghaliex ma kienx hemm mill-bidu pero kkonferma li lil imputat rah jaghti bla hniena.

Illi nhar l-hdax ta' Frar 2002 **xehdet Liza Schembri** kif jirrizulta a fol 57 tal-atti fejn qalet li waqt li kienet fil-gallarija ma gemb Maurizio Azzopardi, l-gharus taghha, rat lil imputat jaghti bis-sieq lil Anna Ciscaldi u lil Monica Azzopardi u jikkaguna diversi hsarat fuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni JBE 106 tal-ghamla Maruti. Ikkonferma wkoll li Maruzio Azzopardi kisser t-tieqa b'idejh u spicca bil-punti u li fl-ebda hin ma hargu minn darhom.

Illi nhar l-hdax ta' Frar 2002 **xehed Joachim Azzopardi** kif jirrizulta a fol 60 tal-atti fejn qal li l-imputat kien ifferocjat jaghti bl-addocc bis-sieq lil martu Monica u lil ohtha Anna Ciscaldi u lil vettura bin-numru ta' registrazzjoni JBE 106 tal-ghamla Maruti. Huwa ma rax l-incident jibda pero ra lil imputat jifferocja. Huwa fl-ebda hin ma zammu izda qaghad fil-bieb jghajjat ghal ghajjut u fil-fatt gew hafna nies u firdu lil imputat minn mal-mara u ohtha. Qal li martu w ohtha gew akkumpanjati lejn c-Centru tas-Sahha mill-Pulizija minhabba l-feriti li sofrew.

Illi nhar l-hdax ta' Dicembru 2001 **xehed Doctor Stephen Muscat** kif jirrizulta a fol 20 tal-atti fejn qal li huwa kien ezamina lil Monica Azzopardi fil-hamsa w ghoxrin ta' April 2001 fid-Dipartiment tal-Emergenza tal-isptar San Luqa u qal li hija kienet qed tbati minn haemotema kbira f'ghajnejha x-xellugija u fuq l-ispalla tax-xellug, fuq in-naha tal-lemin ta' isfel tad-dahar u kontuzjoni fuq il-koxxa tal-lemin. Huwa rrilaxxja c-certifikat li jinsab esibit fl-atti mmarkat bhala dokument CSH 5. Huwa kklassifika dawn il-feriti bhala dawk ta' natura hafifa.

Illi nhar l-hdax ta' Dicembru 2001 **xehed Doctor Gunther Abela** kif jirrizulta a fol 23 tal-atti fejn ikkonferma li huwa

kien ezamina lil Anna Ciscaldi fic-Centru tas-Sahha fil-Floriana u sab li kellha feriti f'rasha, f'zaqqha kif wkoll f'dahra. Huwa ddeskriva l-feriti li rriskontra fid-dokument li jinsab esibit fl-atti a fol 14. Huwa kklassifika l-feriti bhala dawk ta' natura hafifa.

Illi nhar l-hdax ta' Frar 2002 **xehed Stephen Micallef** kif jirrizulta a fol 48 tal-atti fejn qal li huwa kien spezzjona vettura bin-numru ta' registrazzjoni JBE 106 tal-ghamla Maruti u fil-fatt esibixxa stima li giet mmarkata bhala dokument SM li tindika li l-ispejjes involuti ghal ispray jammonta ghal mija u sebghin lira, tal-labour jammontaw ghal hamsa w sebghin lira maltin filwaqt li ghal "parts" [skond d-dokument SM 1] jammontaw ghal tlett mija w erbgha liri u tmienja w hamsin centemzu.

Illi nhar l-hdax ta' Frar 2002 **xehed Joseph Magri li hu sid il-vettura,** kif jirrizulta a fol 52 tal-atti fejn ikkonferma li qabel dan l-incident li kienet involuta fih Anna Ciscaldi, l-vettura tieghu ma kellha ebda hsara fuqha.

Il-Prosekuzzjoni ressqet wkoll xhieda ndipendenti li raw l-incident jsehh.

Illi nhar d-disgha w ghoxrin ta' Lulju 2002 **xehdet Nathalie Bugeja** kif jirrizulta a fol 69A tal-atti fejn qalet li hija rat lil imputat u lil Anna Ciscaldi jiggieldu u rat lil Monica Azzopardi mal-art u semghet l-hgieg jinkiser. Hija rat lil imputat jaghti kemm lil Monica Azzopardi kif wkoll lil Anna Ciscladi. Ikkonfemat wkoll li Maurizio Azzopardi ma harigx jiggieled izda gie mizmum fl-indana minn Liza Schembri.

Illi nhar d-disgha w ghoxrin ta' Lulju 2002 **xehed Anthony Saliba** kif jirrizulta a fol 69C tal-atti fejn qal li hu ra lil imputat jiggieled ma Anna Ciscaldi u lil Monica Azzoaprdi u li huwa mar biex jferraq u fil-fatt jghid ex admissis "*Zammejt lil Mario milli jkompli jkun aggressiv.*" Huwa jghid li ma rax lil imputat jolqot xi vettura ghalkemm rah jolqot liz-zewg nisa fuq imsemmija. Ra lil Anna Ciscaldi u Monica Azzopardi jiddefendu lilhom nfushom u fl-ebda hin ma rahom jhebbu ghall-imputat Mario Agius.

Illi nhar d-disgha w ghoxrin ta' Lulju 2002 **xehdet Antonia Pulis** kif jirrizulta a fol 69E tal-atti fejn qalet li rat lil Anna Ciscaldi mal-art u ragel bil-qargha jaghtiha. Mistoqsija kienx l-imputat li rat ix-xhud wiegbet li ma kienetx certa.

**L-imputat ghazel li jixhed u fil-fatt xehed f'zewg okkazzjonijiet** u cioe nhar d-disgha ta' Gunju 2003 kif jirrizulta a fol 82 tal-atti u nhar il-wiehed u ghoxrin ta' Gunju 2004 kif jirrizulta a fol 100 et seq tal-atti. Huwa spjiega li beda jsegwi lil Anna Ciscaldi ghaliex ried jaccerta ruhu li minn dak li semgha u cioe li hija kienet qed tohrog lit-tifel minuri taghha fil-hinjiet ta' bil-lejl meta suppost ikun rieqed. Ammetta li beda jsegwiha bil-karozza nhar l-erbgha w ghoxrin ta' April 2001 sakemm spicca wara l-bieb ta' ohtha fil-Hamrun. Qal li appena wasal, Anna Ciscaldi nizlet mill-karozza u bdiet taghtih u sussegwentement giet ohtha Monica u kompliet taggredih. Huwa beda jaghti lura. Qal pero li l-familjari kollha ta' Anna Ciscaldi kienu hemm u bdew jattakkawh u ghalhekk beda jaghti bl-addocc biex jiddefendi lilu nnifsu mill-aggressjoni tal-familja Ciscaldi peress li kienu gejjin b'lasti u bi xkupi. Wara hafna qal li rnexxilu jisgicca, mar wara blokk u sab lil ohtu u qalilha li kienu daru ghalih, mesah d-dmija li kellu u dahal jiehu drink f'bar vicin, ghalkemm ma lahaqx xorbu ghaliex gew il-Pulizija u mar maghhom. Dawn haduh c-Centru tas-Sahha minhabba l-feriti li subixxa u fil-fatt esibixxa fl-atti d-dokument Z. Huwa stqarr li kellu diversi daqqiet fuq il-vettura tieghu kif jirrizulta mid-dokument esibit minnu fis-seduta tal-wiehed u ghoxrin ta' Gunju 2004 bhala dokument X, li jindika li kellu hsarat fl-ammont ta' mitejn wiehed u erbghin lira u hamsin centezmu. Mistoqsi a fol 84 tal-atti, kif spiccaw saru l-hsarat fil-vettura tieghu huwa spjiega li dak il-hin kulhadd beda jiggieled. Qal wkoll li uhud mill-hsarat kienu rizultat tal-hgieg li waqt mill-gallarija waqt li dawk fil-bieba tieghu setghu gew kagjonati minnu.

Illi nhar t-tnax ta' Mejju 2004 **reghha xehed John Magri** sid il-vettura li kienet riekba Anna Ciscaldi, kif jirrizulta a fol 93 tal-atti fejn qal li hu kien dahal f'arrangament mal-imputat kif kien ser jithallas ghal hsarat sofferti minnu fil-

vettura tieghu u ghalhekk ma kellux aktar pretenzjonijiet kontra l-imputat u dan ghaliex l-imputat kien assuma li jaghmel tajjeb ghal hsarat kollha sofferti minnu.

**Illi l-Avukat Difensur sostna** li l-imputat m'ghandhux jinstab hati tal-akkuzi u dan ghaliex ma jirrizultax bic-car l-ammont tal-hsarat kagjonati mill-imputat fil-vettura ta' John Magri peress li l-vettura giet spezzjonata minn Joseph Micallef, l-panel beater allegatament fil-fehma tieghu sitt xhur wara l-incident u dwar il-feriti li sofriet Anna Ciscaldi u Monica Azzopardi, dawn kienu rizultat ta' 'accidental affray' u sussegwentement l-imputat ma kellux l-intenzjoni li jikkaguna tali feriti u ghalhekk m 'ghandhux jinstab hati.

Bir-rispett kollu dovut lejn d-Difiza, din il-Qorti ma taqbilx ma dak sottmess minnha u dan ghaliex una volta l-imputat assuma li jaghmel tajjeb ghal hsarat fil-vettura ta' John Magri, dan jfisser li kien responsabbli ghal hsarat li kellha l-vettura kif deskritt mill-istess Joseph Micallef. Una volta l-imputat ma gab ebda prova ohra li l-hsarat ma kienux dawk deskritti minnu jew li l-ammont tal-hsara ma kienetx dik pretiza minnu, kif indikata fic-citazzjoni. L-imputat fl-ebda hin ma jittanta jghid li effettivament wasal fi ftehim f'ammont inqas minn dak indikat fic-citazzjoni, jghid biss li wasal f'arrangament ma sid il-vettura li minn naha tieghu rrinunzja sa fejn kien possibbli [li f'dan il-kaz m' huwiex] ghal azzjoni kriminali fil-konfront tal-imputat. Ghalhekk il-Qorti sejra tiehu in konsiderazzjoni ix-xhieda ta' John Magri meta tigi sabiex tapplika l-piena idoneja.

Dwar t-tieni akkuza u cioe dik ta' ferita hafifa ma hemmx dubbju li l-imputat ghandu jinstab hati taghha u dan ghalil diversi ragunijiet principalment pero peress li x-xhieda tal-Prosekuzzjoni u cioe ta' Joachim Azzopardi, Liza Schembri kif korroborata minn Nathalie Bugeja u Anthony Saliba hija aktar kredibbli minn dik tal-imputat.

Il-Qorti hija tal-fehma li l-imputat kien irrabbjat b'dak li kien sehh u cioe li ibnu kien ghadu barra fil-hinijiet tard ta' bil-lejl u ghalhekk kien irrabbjat u mar ghas-sodisfazzjoni

ghand Anna Ciscaldi u gara dak li gara peress li hass ruhu urtat.

**Il-Qorti rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 325(b) u 221 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, rat l-fedina penali tal-imputat u tiddecidi wara li tiddikjara li ssib lil imputat MARIO AGIUS hati tal-akkuzi kollha kif dedotta kontra tieghu li tikkundannah ghal hlas ta' multa ta' mija u hamsin lira maltin.**

**Oltre dan, ai termini tal-artikolu 383(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, tobbliga lil hati li ma jimmolestax u ma jhedditx lil Anna Ciscaldi u lil Monica Azzopardi ghal perjodu ta' sena taht penali ta' mitt lira maltin fin-nuqqas.**

**Il-Qorti spjiegat l-importanza ta' din s-sentenza lil imputat u l-konsegwenzi taghha fin-nuqqas, li minn naha tieghu ddikjara li fehem ben tajjeb.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------